**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 54**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 17 ta' Jannar 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Marvin Zammit – Kunsillier (18:35)
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier (18:20)
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Daniel Ablett – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Daniel Ablett talab li jkun skużat minħabba raġuni ta' xogħol.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.

**54.1 Approvazzjoni ta' Minuti nru 53**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 53, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

Il-**Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 53 ġew approvati b'mod unanimu.

**54.2 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento talab emenda fl-Aġenda u jiddaħħal line Item**

**Il-Kunsilliera Dr Sean Apap Meli u Ralph Puli** ssekondaw li l-Aġenda tiġi emendata**.**

**54.3 Audited Financial Statements 2021 u Risposta għall-Management Letter**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li wara li l-Kunsill Lokali baqa' mingħajr l-Audited Financial Statements, minħabba dewmien mill-Awdituri tal-Gvern, fl-aħħar ir-rapport tlesta. Jidher li għas-sena 2021, il-Kunsill għalaq is-sena bi profitt ta' € 87,285.

Il-Finanzi tal-Kunsill ġew *Qualified* mill-Awdituri minħabba *issue* relatata ma' flejjes dovuti lill-Kunsill mis-*Central Joint Committee*. Dawn il-kumitati ilhom xolti aktar minn 10 snin u l-Kunsill baqa' ma ngħatax il-flus dovuti lilu miċ-ċitazzjonijiet ta' dak iż-żmien. Intbagħtet notifika lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikollu risposta x'se jiġri minn dawn il-flejjes.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni.

Ivvutaw favur tminn (8) kunsilliera preżenti, Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**54.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**54.4.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li Il-ġimgħa li għaddiet l-Kunsill ġie nfurmat mill-avukati tiegħu li l-Kunsill tilef il-kawża tal-Appell li saret minn Paul Magri kontra l-Kunsill Lokali Ħal Qormi. Din il-kawża tmur lura sa mill-2007, fejn il-propjetarju tal-art fejn illum hemm 5-a-side football ground, talab li z-zona tiġi żgumbrata. Fl-2017, il-Kunsill kien appella mid-deċiżjoni. Issa, 5 snin wara l-Qorti tal-Appell reġgħet tat raġun lil Paul Magri. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-avukat responsabbli mill-kawża sabiex tgħaddilna t-taxxa li trid titħallas mill-Kunsill.

**54.4.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-proġett imwiegħed ta' rinnovar ta' Pjazza Federico Maempel jinsab bl-applikazzjoni mwaqqfa. Is-Sindku ppropona li tintbagħat korrispondenza lil INDIS fejn jistaqsi x'se jkun qed jiġri minn dan il-proġett. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li jekk fi żmien ġimgħa l-Kunsill ma jkollux risposta, jitlaqqa' l-Kunsill u jiddeċiedi x'azzjoni se tittieħed.

**54.4.2.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill għadu qed jistenna r-renewal tad-devoluzzjoni ta' Ġnien De la Cruz. Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill ġie nfurmat li parti minn dan il-ġnien se tinżamm mid-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku saħaq li dan id-dewmien qed itellef il-ħidma tal-Kunsill Lokali, li għandu proġett maħsub għal dan il-ġnien, iżda minħabba l-fatt li d-devoluzzjoni għadha ma ġietx renewed, ma jista jsir xejn. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill huwa responsabbli miż-żamma fi stat tajjeb tal-playing fields u għaldaqstant se jkun qed jiddiskuti mal-Perit tal-Kunsill sabiex tinħareġ tender u jinbidel ir-rubber flooring u l-playing equipment li hemm difettuż.

**54.4.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nħarġet it-tender għar-rinnovar ta' Ġnien iż-Żgħożija fi Triq il-Kummerċ.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li mhux aċċettabbli li l-Qormi Sports Complex jibqa' mitluq, għaldaqstant ippropona li tintbagħat korrispondenza lil Sports Malta u lil Ministru għall-Edukazzjoni u Sports Clifton Grima u s-Segretarjat għall-Gvern Lokali.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' Misraħ iż-Żebbuġ talab li l-Kunsill jagħżel il-kulur taż-żebgħa tal-art tal-passaġġi. Il-Kunsill approva li jingħażel il-kulur 'Sabbia Bologna'.

**54.4.2.3** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa meta jkun qed jiġi trasferiet il-bust ta' Bertu Hyzler mill-ġnien għal pjazzetta fi Triq Dun Marju. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan ix-xogħol irid jiġi diskuss mal-Perit tal-Kunsill, għaliex jeħtieġ li ssir DNO Application.

**54.4.2.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li Il-Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-baned Qriema skada f'Diċembru li għadda. Kien għalhekk li nżammet laqgħa mal-għaqdiet mużikali fejn ġew ippreżentati l-proposti u jidher li hemm qbil. Ġie maqbul li l-iffirmar isir qabel is-Seduta li jmiss.

**54.4.2.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li Il-Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet tad-drama skada f'Diċembru li għadda. Se nkunu qed inġeddu dan il-kuntratt, bl-istess kundizzjonijiet. Il-fondi allokati għal kull għaqda teatrali se tkun ta' € 2000 fis-sena.

**54.4.2.6** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill ġie mistieden għal-laqħa ma' Infrastructure Malta dwar il-Pjan ta' Ħidma 2023-2025. Is-Sindku stieden lil membri, sabiex min irid jattendi miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv.

**54.4.2.7** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kellu meeting mas-CEO ta' Projects Green dwar il-proġett li għalih ingħatajna fondi taħt l-iskema *Sustainable Localities*. Matul il-laqgħa s-CEO nfurmana li l-proġett kif ippreżentat mhu jara xejn sostenibbli fih. Barra minhekk beda jistaqsi jekk il-Kunsill ħarġitx it-tender għax-xogħlijiet, fejn skont il-kuntratt it-tender kellu jinħareġ sal-aħħar ta' Diċembru. Meta s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa għandna kuntratt in place u x-xogħol jista' jibda' minnufih qalilna sabiex nirtirawh għaliex hu mhu jara xejn sostenibbli fil-proġett kif preżentat. Dan ifisser li l-Kunsill se jkun obbligat irodd lura € 137,000 li diġa ngħataw. Ħeġġiġna sabiex napplikaw, permezz ta' Masterplan, għall-fondi taħt l-iskema l-ġdida Community Greening Grant.

**54.4.2.8** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** qal li ġaladarba hemm ftehim iffirmat mill-partijiet kollha, l-Kunsill ma jistax jintalab jirtira l-proġett.

**54.4.2.9** **Il-Kunsillier Martina Grech** ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgħa mas-CEO ta' Projects Green sabiex niddiskutu l-proġett u jekk ikun hemm bżonn jiġi ppreżentat proġett ieħor li jinħadem mal-Periti ta' Projects Green.

**54.5 Mozzjonijiet**

**54.5.1 Mozzjoni Nru 115 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 800 sabiex isir neutering u spaying ta' qtates li għandna fit-toroq tal-lokalita'.

**Il-Kunsilliera Dr Sean Apap Meli u Martina Grech** issekondaw il-mozzjoni.

Ivvutaw favur għaxar (10) Kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**54.5.2** **Mozzjoni Nru 116 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 4,000 sabiex isir remastering tal-Innu ta' Ħal Qormi b'mod orkestrali u b'mod modern. Dan ix-xogħol se jkun qed jiġi kkummissjonat lis-Surmast li kkompona l-mużika tal-istess innu.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda**.**

Ivvutaw favur għaxar (10) Kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**54.5.3** **Mozzjoni Nru 1117 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 1,200 sabiex isir tindif tal-korsija tal-ilma tal-wied (minn Triq Correa sa Triq l-Erba' Qaddisin)
Din it-tefqa ma tinkludix il-VAT u ma tinkludix l-ispiża tar-rimi.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda

Ivvutaw favur għaxar (10) Kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**54.6** **ĦWEJJEĠ OĦRA**

**54.6.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma lill-membri li l-Reġjun Nofsinhar se jkun qed jibgħat numru ta' stediniet relatati mar-Reġjun Kulturali 2023 u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu dawn l-attivitajiet.

**54.6.2** Il-Kunsill iddiskuta l-proposta ppreżentatha minn The Notebook Centre u qabel li ma jkunx parti minn din l-inizzjattiva, hekk kif is-sena li għaddiet intalbet informazzjoni relatata mas-servizz u ma ngħatatx.

**54.6.3** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat li qed ikollha lmenti dwar pparkjar illegali fit-toroq tal-lokalita'. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill Lokali mhux responsabbli mill-infurzar, iżda l-uffiċju se jieħu ħsieb jirraporta.

**54.6.4** **Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li l-Kunsill qed jintalab jagħmel tajjeb għal spiża relatata ma' ċaqliq ta' meter tad-dawl tal-istatwa tal-ġebel fi Triq San Bastjan. Il-Kunsillier Dr Sean Apap staqsa min hu responsabbli għal dan il-meter, fejn is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-meter huwa tal-Parroċċa. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa hux legali li l-Kunsill iħallas kontijiet ta'

terzi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li huwa llegali. Is-Sindku baqa' jippersisti li l-Kunsill iħallas tali spiża. Il-Kunsill approva li l-kont jitħallas.

**54.7 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2023.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar il-ħlasijiet relatati mal-attivita' 'Taste Like Christmas'.

Kien għalhekk li l-Kunsill żamm milli japprova din l-iskeda.

**54.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 16 ta' Marzu 2023 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum 16 ta' Marzu 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |